# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **25** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **it-Tnejn 8 ta' Awwissu 2011 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur John B. Camilleri (daħal għall-laqgħa fis-6.30p.m) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużat | Is-Sur Sandro Gatt |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 24.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Rapport ta' l-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010.
6. Approvazzjoni tal-*Quarterly Report* April/Mejju/Ġunju 2011.
7. Rappreżentant tal-Virtual Tours sabiex jippreżenta *power point presentation.*
8. Mistoqsijiet.
9. Mozzjonijiet.
10. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
11. Aġġornament.

Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 24(1) tal-11 ta' Lulju 2011:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'paġna 2 punt #1.1.3 għandha tiżdied din is-sentenza *"skond il-permessi tal-bini li għandna diġa mill-MEPA"*.

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li f'paġna 5 punt #3.12, fejn staqsa jekk il-WasteServ hux qed itina *records* s'issa kemm qed jinġabar skart ġo Marsaskala. Il-Kunsillier Jesmond Mugliett qal li aħna nkunu nafu permess tal-islips li jtina il-kuntrattur tagħna, ta' kemm jinġabar skart ġol-lokalita` tagħna.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera li l-Kunsill kiteb ittra iebsa lill-Green MT fuq in-nuqqasijiet tagħhom u qal li jekk sal-15 ta' Awwissu ma jtuniex risposta dwara, il-Kunsill għandu jikteb ittra legali, peress li mhux qed jonora l-kuntratt hekk iffirmat.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li r-residenti tagħna qed jagħmlu sforz kbir sabiex jagħżlu l-iskart u dawn mhux qed jiġbru *records* ta' kemm qed jinġabar skart mill-lokalita` tagħna u l-Green MT għandha tonora l-kuntratt kif inhu. Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett spjega li l-ebda kuntrattur m'għandu miżinn fit-trakk tiegħu, għalhekk jekk it-trakk ikun diġa mimli bl-iskart ta' lokalita` oħra ma jistgħux ikunu jafu bl-eżatt kemm qed jinġabar minn kull lokalita`. Dik jaħdmuha fuq il-popolazzjoni b'persentaġġ.

❖ ***Sospensjoni tar-Regolamenti għal item No 7 ta' l-Aġenda.***

7.0 ***Rappreżentant tal-Virtual Tours sabiex jippreżenta power point presentation:***

Rappreżentant tal-Virtual Tours ġie mitlub mill-Kunsill sabiex jibda l-*presentation* tiegħu rigward din il-*website*. Is-Sinjur fihem li din hija *website* madwar id-dinja kollha li bħalissa ingħaqdu magħha diġa madwar 100 pajjiż. Turist li jiġi Malta se jidħol f'*website 'Destination Malta'* u jagħżel f'liema lokalita` jrid u hemmhekk jittellgħu 8 ritratti li jidhru 360 degress. Barra minn hekk tista` tintuża wkoll għall-*website* tagħna wkoll. Sabiex il-lokalita` tagħna tibda tidher se jkun hemm ħlas ta' darba għal €295 VAT inkluż.

Il-Kunsill iddeċieda li dawn għandhom ikunu s-siti fuq din il-*website*. 1. San Tumas (Il-Munxar), 2. Żonqor (fuq), 3. Pjazza Dun Tarċis Aġius, 4. Pjazza Mifsud Bonnici, 5. Promenade (The Well), 6. Minn ħdejn it-Torri tal-Buttar, 7. Bidni u 8. Żonqor (ħdejn il-Bandli).

Il-Kunsill approva unanimament.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri daħal għall-laqgħa fis-6.30p.m.***

2.0 ***<u>Punti li joħorġu mill-Minuti:</u>***

2.2 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri qajjem il-punt fuq paġna 6 item #3.17 fejn staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fuq dawk il-bollards li kellhom jitwaħħlu ħdejn l-eks Jerma Hotel.

Is-Sindku rrisponda li dawn saru u ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li fil-parti ta' dak iċ-ċint li hemm minn ħdejn l-eks Jerma Hotel u d-dar ta' l-ex Ministru Lorry Sant inqalgħet biċċa miċ-ċint u ser issir rampa żgħira għall-użu tan-nies b'diżabilita`, liema xogħol qiegħed isir mill-ħaddiema ta' l-IPSL assenjati mal-Kunsill

2.3 Il-Viċi Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill fejn qajjem il-punt fuq paġna 5 item #3.10, fejn qal li hu kien sab l-ittra li kienet inbagħtet fl- lil Dr Louis Galea dak iż-żmien kien il-Ministru responsabbli mill-Edukazzjoni rigward il-bini ta' ~~iktar klassijiet~~ ta' kindergarden gdid fl-Iskola Primarja ta' Marsaskala. Huwa talab li tintbagħat din l-ittra flimkien ma' talba għal spjegazzjoni .

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ma qabilx u saret diskussjoni.

Il-Kunsilliera is-Sur John Baptist Camilleri qal li hu kellem lis-Surmast dwar dan, fejn qallu li minn dak iż-żmien l-affarijiet inbiddlu u li kieku l-bini kien se jinbena hemm fuq ~~flokk~~ il-grawnd ma kienx ser ikun ta' konvenjenza għall-iskola, għalhekk fil-preżent il-bini tal-kinder inbeda u qiegħed viċin aktar. Ġie deċiż li l-Kunsill ma jibgħat l-ebda korrispondenza dwar dan is-suġġett.

2.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qajjem il-punt fuq paġna 4 item #3.8, fejn informa lill-Kunsilliera li l-palm li hemm fi Ġnien Sant'Anna ġie maqtuħ minn xi ħadd mhux mill-kuntrattur tagħna xi darba bil-lejl, u b'konsegwenza ta' dan hemm iċ-ċans li jmutu dawn il-palm, peress li ma nqatawx fi żmienhom. Għalhekk fid-dawl ta' dan irridu nieħdu ħsieb li ntuhom il-bexx mill-aktar fis possibli.

3.0 ***<u>Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:</u>***

3.1 **<u>Korrispondenza mill-Għaqda Bajja San Tumas dwar ir-Ridott:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna *email* mingħand l-Għaqda Bajja San Tumas, fejn qed titlob lill-Kunsill iħallas €250 għas-servizz ta' preparazzjoni fuq *Condition Report* fuq ir-ridott. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li meta ltaqa` mas-Supretendent kienu ftehmu li għandha ssir *guardianshipdeed,* pero` is-Segretarju ta' l-Għaqda Bajja San Tumas infurmah li jekk aħna ma jkollniex id-devoluzzjoni fuq dan ir-ridott ma jkollniex titlu legali fuqu u b'hekk ma nkunux nistgħu nitolbu fondi mill-Unjoni Ewropeja.

Il-Kunsill approva unanimament li jħallas l-ammont ta' €250 għal-dan ir-rapport.

3.2 **Premju Anzjan tas-Sena 2011 (#35/4061/11/I):**

Il-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud ippropona li ninnominaw lis-Sur Joe Farrugia bħala Anzjan tas-Sena 2011.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.3 **Stedina mis-Sindku ta' Chojna fl-okkażjoni ta' Days of European Integration (#35/4019/11/I):**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li ġie mistieden jipparteċipa għall-dan l-avveniment li se jiġi kollox imħallas minn naħa tagħhom. Il-Kunsill joħroġ biss madwar €65 sabiex itella` miegħu xi rigal min-naħa tagħna. Is-Sindku qal li jekk xi ħadd mill-Kunsilliera interessat jitla miegħu irid iħallas il-*flight ticket* hu, pero` l-akkomodazzjoni tiġi mħallsa minnhom ukoll.

Il-Kunsilliera talbu sabiex jiġi ċċekjat kemm tiswihom biex filkaż iħallsu dan il-*flight ticket*.

.4 **Stima mill-ELC għas-soft area taż-Żonqor Point Junction (#35/3531/11/I):**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li wara li studja din il-kwotazzjoni wasal għall-konklużjoni li hija għolja wisq bl-ammont ta' €6,748,46. Għalhekk hu qed jipproponi sabiex nagħmlu partijiet minnha biss fejn nagħmlu parti minn item A li tiswa €924 għall-fjuri Gaura Lindheimeri, nagħmlu item B li tiswa €763,28 fejn nagħmlu weedmat, mulch u feriliser NPK @ 50gr/m2 u nżidu parti minnha billi nagħmlu dak il-ġebel żgħir bil-kulur sabiex insebbħu d-dawra ta' madwar il-luzzu u ta' dan għandna nitolbu kwotazzjoni.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.5 **Adjudication Report mill-Perit tal-Kunsill rigward it-tender ta' Pjazza Mifsud Bonnici KLM2011/06:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-bord iltaqa` nhar il-Ġimgħa 5 ta' Awwissu sabiex jitkellem fuq ir-rapport tal-Perit hawn fuq imsemmi. Il-Perit issuġġerixxa tnejn mill-kuntratturi li ttenderjaw li kienu John G. Cassar Ltd. u Nexos Lighting & Vision. Il-bord ta' evalwazzjoni qabel mar-rakkomandazzjonijiet tal-Perit.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Perit innota żbalji fl-addizzjoni tat-tender tagħhom it-tnejn u b'hekk se jitlob parir mid-Dipartiment tal-Kuntratti dwar dan u jimxi minn hemm.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.6 **Trasport Pubbliku:**

Il-Kunsill approva li għandna noħorġu din il-*press* release dwar it-trasport pubbliku fil-lokalita` tagħna.

*"IS-SERVIZZ IL-ĠDID TA' L-ARRIVA FIL-LOKALITA` TA' MARSASKALA"*

*Il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jixtieq jiċċara dan li ġej. Il-Kunsill qatt ma ġie kkonsultat mill-Awtoritajiet konċernati fuq ir-rottot il-ġodda. Biex nikkonfermaw dak li qed ngħidu, l-Ħadd 7 ta' Awwissu reġa sar tibdil fir-rotta l-antika 22 u reġgħet saret ħażina għax ma kkonsultawx magħna. Żgur illi l-Kunsill kif ukoll ir-residenti ta' Marsaskala mhumiex kuntenti bir-rotot eżistenti. Għaldaqstant wara diversi laqgħat u konsultazzjonijiet mal-pubbliku, il-Kunsill Lokali wasal għal dawn il-konklużjonijiet li pjuttost jixbħu ħafna r-rottot l-antiki. Dan dejjem biex jitjieb is-servizz għall-benefiċċju tar-residenti tagħna.*

*Kif iridu jiġu r-rottot biex insolvu l-problemi li għandna:*

***Rotta 91 li trid titlaq mil-inqas kull kwarta:***
*Titlaq mill-Belt għal Marsaskala u tgħaddi minn dawn it-toroq: Triq San Gwakkin, Triq ix-Xatt, Triq il-Qaliet kollha, Triq tal-Gardiel, għal Marsaskala 1 fejn Grabriel Restorant, Triq Sant'Anna, Triq La Sengle u lura għall-Belt minn Ħaż-Żabbar.*

*B'din ir-rotta nkunu qed insolvu l-problema tar-residenti taż-żona tal-Bajja ta' San Tumas u taż-żona tal-Gardiel.*

***Rotta ġdida li trid titlaq mill-inqas kull nofs siegħa:***
*Titlaq mill-Belt għal Marsaskala u tgħaddi minn dawn it-toroq: Bypass, Triq Sant Antnin, Triq il-Gemmugħa, Triq il-Gross, Triq il-Qastan, Triq il-Friefet, Triq il-Ħabberxa, Triq Salvu Buhagiar, Triq Gebel il-Ħanxul, Triq Sant Antnin, Triq Sant'Anna, Triq La Sengle, parti minn Triq San Ġwakkin, parti minn Triq Ħaż-Żabbar, Triq il-Blajjiet, Triq iż-Żonqor, Triq ix-Xatt, Triq is-Salini, Triq ir-Ridiott, Triq Philippe De Vendome, tinżel Triq il-Qaliet, għal Marsaskala 1 fejn Grabriel Restorant, u terġa titla' mill-Bypass għall-Belt.*

*B'din ir-rotta ikunu qed insolvu l-problem tar-residenti taż-żoni ta' Żonqor, Torri San Tumas u Bellavista.*

***Rotta 124 li tgħaqqad Marsaskala mal-Kottonera:***
*Ilbieraħ tħabbar li rotta 124, li bħalissa qed isservi lil Żonqor u Bellavista u tibqa` sejra ż-Żejtun issa flok iż-Żejtun ser tibda tmur il-Kottonera u din ser tkun kull siegħa. Filwaqt li kien ferm importanti li jkollna karozza li tgħaqqad il-Kottonera ma' Marsaskala u hekk tkun replacement ta' rotta 22 ta' qabel, pero` jekk din ser tibda tgħaddi minn Bellavista, Żonqor u wara għall-Kottonera, xorta mhux ser tkun tajba u mhux ser taqdi l-bżonnijiet li hemm bżonn. Dan minħabba li f'dal-każ qed jiġu minsija kompletament ir-residenti taż-żona tal-Bajja ta' San Tumas u taż-żona tal-Gardiel, filwaqt li jkompli jsaħħaħ l-argument li hemm bżonn karozza diretta għall-Belt minn Żonqor u Bellavista, għaliex immaġina wieħed li jasal bin-91 u jieqaf Marsaskala 1 biex jaqbad il-124 għaż-Żonqor jew Bellavista kemm ser idum aktar jistenna għaliex tħabbar li issa l-124 ser tibda tkun kull siegħa flok 30 minuta. Din il-karozza trid tibda tgħaddi kif gej:*

*Titlaq mill-Kottonera, tgħaddi minn Ħaż-Żabbar, Triq il-Blajjiet, Triq iż-Żonqor, Triq ix-Xatt, Triq il-Qaliet kollha, Triq tal-Gardiel, tgħaddi minn Marsaskala 1 fejn Grabiel Restaurant, Triq Sant'Antnin, Triq il-Gemmugħa, Triq il-Gross, Triq il-Qastan, Triq il-Friefet, Triq il-Ħabberxa, Triq Salvu Buhagiar, Triq Gebel il-Hanxul, Triq Sant'Antnin, Triq Sant'Anna Triq La Sengle, Triq Ħaż-Żabbar għall-Kottonera.*

***Rotta 135 għall-Ajruport.***
*Din ir-rotta għal-Ajruport kif inhi bħalissa trid tiġi estiża għar-residenti ta' Żonqor u Bellavista u tibda tgħaddi kull siegħa kif ġej:*

*Tiġi miż-Żejtun, Triq id-Daħla San Tumas, Triq tal-Gardiel, għal Marsaskala 1 fejn Grabiel Restorant, Triq Sant Antnin, Triq il-Gemmugħa, Triq il-Gross, Triq il-Qastan, Triq il-Friefet, Triq Ħabberxa, Triq Salvu Buhagiar, Triq Ġebel il-Ħanxul, Triq Sant Antnin, Triq Sant'Anna, Triq La Sengle, Triq il-Blajjiet, Triq iż-Żonqor, Triq ix-Xatt, Triq il-Qaliet kollha u tibqa' sejra għal-Ajruport.*
*Hawnhekk ġibdulna l-attenzjoni wkoll residenti li jaħdmu l-Ajruport li jkun għaqli jekk din tgħaddi wkoll mil-Ajruport l-antik, għaliex hemmhekk jaħdmu ħafna nies inkluż f'Marsaskala.*

***Rotot ta' bil-lejl:***
*Ir-rotta N91 trid tiġi tirrifletti r-rotta 91 kif qed nipproponu aħna, kif ukoll kull ċertu ħin matul il-lejl trid taħdem ukoll diretta mil-Belt li qed nitolbu għaż-Żonqor, iż-żona ta' Torri San Tumas u Bellavista.*

3.7 **Korrispondenza mis-Sur Matthew Pace tas-Summer Nights Pub (#35/4148/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna *email* mingħand is-Sur Matthew Pace tas-Summer Nights Pub fejn qed jitlob l-approvazzjoni tagħna sabiex ikun jista jarma l-projector bi screen kbir fi Pjazza Mifsud Bonnici fid-dati 6, 7, 13, 14, 15, 20, 21, 27 u 28 ta' Awwissu u għal Settembru 3, 4, 8, 10, 11, 17, 18, 24 u 25.

Il-Kunsill approva unanimament basta dan l-apparat jiġi żarmat mill-bandli kull filgħaxija.

3.8 **Memo 66/2011 (#35/4172/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li d-Dipartiment bagħtilna memo 66/2011 għal Skema ta' Finanzjament għal-Titjib fil-*Playing Fields* Eżistenti, fejn l-applikazzjoni tagħlaq il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru, 2011.

Il-Kunsill approva li nitolbu dan il-finanzjament għall-bandli taż-Żonqor. Nibdew billi nqabdu s-*safety auditor* tad-Dipartiment ħalli mbagħad inqabdu lill-Perit tagħna jagħmel stima ta' xogħol.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ħareġ mill-laqgħa fit-7.40p.m.***

❖ ***Sospensjoni tar-Regolamenti għal item Nri 6 u 5 ta' l-Aġenda.***

6.0 ***Approvazzjoni tal-Quarterly Report April/Mejju/Ġunju 2011.***

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-*Quarterly Report* April/Mejju/Ġunju 2011, fejn ġie spejgat fid-dettal mill-*Accountant* is-Sur Lawrence Cauchi.

Il-Kunsill approva unanimament.

5.0 ***Rapport ta' l-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010:***

- Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport ta' l-Awdituri għas-sena 2010. Hu spjega li l-Awdituri qajmu ħafna punti fejn punt minnhom staqsew ala ħallasna 5% żieda lill-*Accountant* tagħna. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li meta l-*Accountant* tagħna ġie jaħdem magħna s-sena l-oħra ma kienx jaf x'se jsib u dak l-ammont ħadu fuq il-*fixed assets register.*

- Rigward il-WSC, l-*Accountant* spjega li din il-Korporazzjoni għada kemm tatna ammont ta' flus li jkopru 2007 u b'hekk ma nistgħux inkopru għall-ispejjeż kollha ta' *reinstatment* għal dawn is-snin kollha.

- Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*Accountant* lesta t-tweġiba għall-*management letter* tal-Awdituri u qal ukoll li għas-sena ddieħla nitolbu lill-Awdituri li meta jsir l-*audit* għandu jsir fuq jumejn jew tlieta u bil-preżena tal-*Accountant,* ħalli jekk ikun hemm xi mistoqsijiet dawn ikunu jistgħu jiġu mwieġba dak il-ħin.

- Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri staqsa fuq paġna 13 item 8.1 u talab spjegazzjoni.

  Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dak konna ħriġna ċekk darbtejn lill-Karmig, pero` din ġiet irranġata. Il-Kunsill se jagħmel l-almu sabiex il-kuntratturi jibdew jibgħatu *statements.*

- Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li ħarġet *legal notice* 524/2010, fejn qed tgħid li ċertu kumpaniji jew individwi li ma jaqbżux ċertu ammont jistgħu ma jibgħatux VAT *receipts.*

**Patching u Bankini :**

- Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li sar xi xogħol tal-*patching* fejn ma ssemmiex fil-lista li għamel il-Kunsill.

- Dwar dan is-Sindku ta' spjegazzjoni li saret biċċa ħdejn il-grawnd ta' l-iskola li tagħti għal Triq Hurds Bank għax kienet perikoluża ħafna. Din saret b'urġenza minħabba tliet fatturi, hemmhekk joqgħod wieħed diżabli, minħabba t-tfal ta' l-iskola li jużaw dak il-passaġġ kuljum u minħabba n-nursery tal-futbol tat-tfal. Is-Sindku qal li il-*patching* għadu ma sarx kollu u meta joħorġu l-permessi neċessarji jitkompla l-*patching.*

- Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa għalfejn il-bankina fi Triq is-Salvja għada ma saritx u s-Segretarju Eżekuttiv irrisponda li se jiċċekkja minħabba li l-*works order* tkun ħarġet. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur kien ma jiflaħx fit-tul. Kif jidħol se ssir.

- Il-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li trid tiġi rranġata il-bankina fi Triq il-Hortan quddiem Nru 69A.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.9 **Talba għal zebra crossing ħdejn il-Ġnien ta' Charles Clews (#35/4142/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna *email* mingħand is-Sinjura Isabelle Haidon fejn qed titlob lill-Kunsill jagħmel *zebra crossings* fi Triq is-Sibbien, Triq l-Isfar u Triq is-Silla fejn dawn jagħtu kollha għal Ġnien Charles Clews.

Il-Kunsillier is-Sinjur John Baptist Camilleri qal li hu lest li jmur mal-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmlu *survey* ta' fejn eżatt għandhom jiġu dawn iz-*zebra crossings.*

Il-Kunsill approva unanimament li wara għandna nibgħatu għall-approvazzjoni tat-TM.

3.10 **European Week for Waste Reduction (#35/4181/11/I):**

Il-Kunsill approva unanimament li għandna nippartecipaw f'din l-attivita` li ser tiġi organizzata mill-WasteServ bejn id-19 u 27 ta' Novembru, 2011.

3.11 **Laqgħa mal-BOV (#35/4214/11/I):**

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li hu kien irċieva telefonata mill-*Manager* il-ġdid tal-BOV, Ms. Chrisitne Saliba fejn talbet sabiex issir laqgħa. Preżenti kienu s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv, il-Manager stess u s-Sur John Buhagiar. Wara din il-laqgħa ta' nformazzjoni l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand is-Sur John Buhagiar fejn qed jibgħatilna *excel sheet* bl-informazzjoni ta' kif għandna nagħmlu bil-fondi tal-Kunsill sabiex intellgħu aktar interessi. Bil-mod ta' kif ħadmuhilna huma il-Kunsill jiġi jieħu €6,393.77 flok €3,724.26.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.12 **Ittra legali mill-WasteServ (#35/4206/11/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna ittra mingħand il-WasteServ fejn qed jitlob lill-Kunsill tħallasha l-ammont dovut ta' €11,928.71 għar-rimi ta' skart fi propjeta' amministrata mill-WasteServ.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien bagħat ittra ta' tweġiba.

3.13 **National Cultural Event (#35/4242/11/I):**

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li rċivejna *email* mingħand GM International Conferences & Exhibitions Ltd., fejn qed jipproponu li jpoġġu *piano* għal xahar sħiħ bla ħlas fejn irid il-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament.

3.14 **OASI Foundation – Youth of the Year Award :**

Il-Kunsill approva li ma napplikawx għal din l-*Award.*

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.***

Ġiet ippreżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, u dawk li tħallsu b'urġenza biex jiġu approvati għall-pagamenti.

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li fl-aħħar lista ta' ħlasijiet tal-laqgħa nru 24 kien hemm imniżżel kont ta' Polidano darbtejn fl-iskeda tal-pagamenti, iżda tħallas darba biss.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur John Baptist camilleri qal li item Nru #663 ser jitħallas mill-individwu li kellu l-inċident.

Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia qal li item Nru #643 innizzlu l-kelma *"Deposit"*.

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti

- **<u>Laqgħa mal-WasteServ:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li nhar il-Erbgħa 17 ta' Awwissu se jkollna laqgħa mal-WasteServ li ser iqajjem dawn il-punti. Hu qal li l-Impjant qed jerġa jrejjaħ u anke waqfuh xi residenti fejn qalulu li qed jerġgħu ixommu r-riħa.

Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne ikkonfermat għax għaddiet minn hemm u anke hi xammet ir-riħa tinten.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li qed jiddejjaq ħafna u għandu biża kbira dwar il-ħażna tal-plastik li qed jagħmlu l-WasteServ barra. Qed ikun hemm kwantita` kbira u alla ħares qatt jaqbad tiġi *toxic* ġo l-arja. Hu ser isaqsihom jekk hemmx *limit* ta' *storage* fuq barra u jekk hemmx sistema ta' tifi tan-nar sabiex tilħaq mal-ħruq li jista` jkun hemm. Hu kompla jgħid li jekk hemm il-permessi, hemm il-permessi pero` jekk jista` jkun ma jħallux dak l-ammont kbir fuq barra.

- **<u>Fire Extinguisher għall-librerija:</u>**

Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne talbet li jinxtara *fire extinguisher* għall-librerija l-ġdida tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament.

8.0 ***<u>Mistoqsijiet:</u>***

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

9.0 ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

9.1 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur George Farrugia (#268-18/07/11):</u>**

*"Jipproponi sabiex issir zebra crossing fi Triq il-Qaliet ħdejn Ġnien David Vella"*.

Din il-mozzjoni kienet diġa għaddiet.

10.0 ***<u>Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.</u>***

10.1 Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li bis-saħħa tal-ġemmellaġġ mal-Kunsill tal-Qala li l-ktieb tat-tpinġija tas-Sur Raymond Scerri ġie finallizzat.

10.2 Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-MEPA flimkien ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed jagħmlu kompetizzjoni tat-tpinġija għal-logo għat-tfal bejn it-8 u 12-il sena

10.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill sabiex noħorġu kwotazzjoni għall-kumpaniji sabiex il-Kunsill joffri s-servizz għal madwar 15-il student mit-tielet sena sas-6 sena bħal ma qed jagħmlu ċertu Kunsilli sabiex inqabdu għalliema tgħin lil dawn it-tfal bi *kriteria* li se nitolbu aħna jagħmlu l-*homework* wara l-iskola fit-*Training Centre* tagħna bla ħlas. Din tqum madwar €4000 għas-sena skolastika kollha. Fuq din jista` jkun hemm fee, skond id-deċiżjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku ppropona li nitolbu aktar informazzjoni qabel ma nieħdu deċiżjoni u nippruvaw indaħħlu ż-żewġ banek li għandna fil-lokalita` tagħna għal xi donazzjoni jew *sponsorship*, ħalli f'dak il-każ nieħdu d-deċiżjoni li nagħmluha bla ħlas.

10.4 Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li għandna *Voucher* mit-TCTC ta' €1,100 għall-Eanzjan Course, fejn qed tfakkar lill-Viċi Sindku sabiex jibda jaħdem fuqha.

10.5 Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li ser jibdew dawn il-korsijiet

1. Lifelong Courses għall-Adulti
2. Craft Courses
3. IT Courses għall-Adulti

10.6 Il-Kunsilliera s-Sinjura Carmen Fearne ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li n-numru l-ġdid tal-librerija tal-Kunsill huwa 21634222

`0.7 Is-Sindku qal li għandna niffissaw id-data għall-*opening* tal-librerija.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tkun 4 ta' Settembru filgħodu qabel il-quddiesa ta' Jum Marsaskala.

- ***"Expression of Interest":***

Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-Perit Faye Caruana preżentatlu l-*expression of interest* kif għandha tidher, u għalhekk hu ser jaqra l-kontenut lill-Kunsilliera preżenti.

*"The Marsaskala Local Council is studying actively the regeneration of St.Anne's Garden. It is proposed to carry out this project in two stages. Interested parties are being asked to submit an expression of interest for the design of the regeneration of St.Anne's Garden as per attached site plan, bearing in mind that any eventual execution of the project on this site will be carried out on the basis of a Public-Private-Partnership agreement.*

*The Council owns this site and would like to regenerate it based on the following important parameters:*

*(a) To construct the Civic Centre this includes the Council's Offices and Community Facilities.*
*(b) The Bocci Club, and Tiffany Kiosk, currently on site, may be demolished and rebuilt. Final decision will be subject to consent from the present tenants.*
*(c) The public areas, including a garden of an area of around 4,000sq.m will have to be scrupulously retained.*
*(d) Protected trees cannot be removed.*
*(e) Particular consideration should be given not to restrict the current recreational use that the residents of Marsaskala, especially those of the neighbourhood, make of St. Anne's Garden.*

*When the Expression of Interest are submitted, the respective interested parties will be invited to explain their proposed concept designs during a public consultation meeting for which the residents of Marsaskala will be asked to attend. Architects will be asked to explain their designs and residents will have the opportunity to ask questions to the respective architects.*

*Following this public consultation meeting the various designs, together with an explanatory brief prepared by the design architects, will be exhibited publicly for a period of 15 days during which residents will have the opportunity to study further all the submitted designs. When the public exhibition of the designs closes, residents will have 2 weeks durin which they can send their written comments to the Council indicating their preferenes and accompanying comments.*

*It is very important that the residents contribute their comments and preferences because the Local Council will be reaching their decision after evaluating the residents' comments and preferences.*

*Another public meeting will then be held during which the Local Council will be announcing the successful design.*

*The closing date for submitting the design is ________________.*

*The Council retains the right to reject all designs if they are considered not to be up to standard or to utilize in whole or a part, any of the designs submitted. All designs submitted will automatically become the property of the Council".*

Kien hemm qbil unanimu li tinħareġ din l-*expression of interest.*

11.0 **<u>Aġġornament :</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-10.30p.m. Il-laqgħa li jmis ser tkun nhar il-Erbgħa 7 ta' Settembru 2011 fis-6.00pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku